



Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2017/0336(COD)

4.10.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar appoġġ għal riformi strutturali fi Stati Membri (COM(2017)0826 – C8-0432/2017 – 2017/0336(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Derek Vaughan

PA_Legrej

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni li toffri l-possibbiltà li l-Istati Membri jallokaw kompletament jew parzjalment ir-riżerva ta' prestazzjoni prevista fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) fl-appoġġ tal-impenji tar-riformi strutturali mill-Istati Membri. Id-deċiżjoni li tintuża r-riżerva ta' prestazzjoni għar-riformi strutturali se tkun totalment fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, li jeħtiġilhom jippreżentaw proposta uffiċjali għal din ir-riallokazzjoni, inklużi miżuri għall-implimentazzjoni tar-riformi, l-istadji importanti, il-miri, kif ukoll skeda ta' żmien. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-proposta u tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Is-Semestru Ewropew għandu l-għan li jippermetti lill-Istati Membri jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom billi:

- jiżgura finanzi pubbliċi sodi (filwaqt li jevita dejn eċċessiv tal-gvern)
- jipprevjeni żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fl-UE
- jappoġġja riformi strutturali, biex jinħolqu aktar impjiegi u tkabbir, u billi
- jagħti spinta lill-investment.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri stabbilew il-pjanijiet tagħhom dwar kif għandu jintuża l-finanzjament mill-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej bejn l-2014 u l-2020 fil-Ftehimiet ta' Sħubija, b'approvazzjoni sussegwenti mill-Kummissjoni Ewropea.

Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jipproponu programmi u proġetti konkreti li fuqhom se jintefqu l-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej.

Ir-riżerva ta' prestazzjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-konċentrazzjoni fuq il-prestazzjoni u l-kisba tal-oġettivi tal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u tikkonsisti f'6 % tal-allokazzjoni totali għall-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi, kif ukoll għall-FAEŻR u għall-miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni kondiviża għar-Regolament FEMS, stabbiliti għal kull Stat Membru.

Il-possibbiltà li r-riżerva ta' prestazzjoni tintuża għar-riformi strutturali timmina b'mod ċar l-iskop oriġinali tagħha u l-iskop tal-politika ta' koeżjoni, peress li r-riżerva ta' prestazzjoni ġiet stabbilita sabiex talloka l-fondi tal-programmi FSIE li laħqu l-istadji importanti tagħhom. Peress li l-Kummissjoni se twettaq rieżami ta' dawn il-programmi fl-2019, l-għan tal-programmi kien li jinkisbu l-istadji importanti tagħhom u jiddependu fuq il-fondi tar-riżerva ta' prestazzjoni. Jekk issa l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw ir-riżerva għal skop differenti, il-programmi ta' koeżjoni jistgħu jiffaċċjaw insigurtà finanzjarja u dewmien fl-implimentazzjoni. L-inċentiv biex il-programmi FSIE jirnexxu għalhekk jisparixxi.

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi ċ-ċaħda tal-proposta tal-Kummissjoni.

**PROĊEDURA TAL-KUMITAT
LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Titolu	Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar appoġġ għal riformi strutturali fi Stati Membri
Referenzi	COM(2017)0826 – C8-0432/2017 – 2017/0336(COD)
Kumitat responsabli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 14.12.2017
Opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 14.12.2017
Rapporteur Data tal-ħatra	Derek Vaughan 4.9.2018
Data tal-adozzjoni	4.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 10 -: 6 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Jonathan Bullock, Luke Ming Flanagan, Ingeborg Gräßle, Arndt Kohn, Georgi Pirinski, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Bart Staes, Derek Vaughan, Tomáš Zdechovský, Dennis de Jong
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Richard Ashworth

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

10	+
ALDE	Jean Arthuis
GUE/NGL	Luke Ming Flanagan, Dennis de Jong
EPP	José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra
S&D	Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Arndt Kohn, Georgi Pirinski, Derek Vaughan
Verts/ALE	Bart Staes

6	-
ALDE	Nedzhmi Ali
EPP	Richard Ashworth, Ingeborg Gräßle, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Tomáš Zdechovský

1	0
EFDD	Jonathan Bullock

Key to symbols:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni